

Kawża C-208/09

Ilonka Sayn-Wittgenstein

vs

Landeshauptmann von Wien

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof — L-Awstrija)

“Ċittadinanza Ewropea — Moviment liberu u residenza libera fl-Istati Membri —
Li ġi ta’ Stat Membru li għandha status kostituzzjonali li tabolixxi n-nobbiltà f’dan
l-Istat — Kunjom patronimiku ta’ persuna maġġorenni, ċittadina tal-imsemmi Stat,
miksub permezz ta’ adozzjoni fi Stat Membru ieħor, li fih hija tirrisjedi — Titolu
ta’ nobbiltà u prefiss nobbli li jagħmel parti mill-kunjom — Reġistrazzjoni mill-
awtoritajiet tal-ewwel Stat Membru fir-registratu tal-istat ċivili — Korrezzjoni ex
officio tar-reġistrazzjoni — Irtirar tat-titolu u tal-prefiss nobbli”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali E. Sharpston, ippreżentati fl-
14 ta’ Ottubru 2010 I - 13695
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-22 ta’ Diċembru 2010 . . I - 13718

I - 13693

Sommarju tas-sentenza

Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea — Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri — Regoli nazzjonali li għandhom status kostituzzjonali li jimpedixxu t-titolu ta' nobbiltà

(Artikolu 21 TFUE)

L-Artikolu 21 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix lill-awtoritajiet ta' Stat Membru milli jirrifjutaw li jirrikonox Xu, fl-elementi kollha tiegħu, il-kunjom patronimiku ta' ċittadin ta' dan l-Istat, kif ġie stabbilit fit-tieni Stat Membru, li fih jirrisjedi l-imsemmi ċittadin, matul l-adozzjoni tiegħu bħala adult minn ċittadin ta' dan it-tieni Stat Membru, peress li dan il-kunjom patronimiku fih titolu ta' nobbiltà li ma huwiex aċċettat fl-ewwel Stat Membru skont id-dritt kostituzzjonali tiegħu, peress li l-miżuri meħuda minn dawn l-awtoritajiet f'dan il-kuntest huma ġġustifikati minn raġunijiet marbuta mal-ordni pubbliku, jiġifieri li huma neċċesarji għall-protezzjoni tal-interessi li huma jridu jiggarranti Xu u proporzjonali għall-ġhan leġittimament segwit.

Fil-fatt, ma kienx jidher sproporzjonat li Stat Membru jfittex illi jilħaq għan li jippreżerva l-prinċipju ta' trattament ugħalli billi jipprojbixxi kull akkwist, pussess u użu, miċ-ċittadini tiegħu, ta' titoli ta' nobbiltà jew ta' elementi nobbli li jistgħu jwasslu sabiex wieħed jaħseb li min għandu dak l-isem għandu tali unur. F'dawk il-kundizzjonijiet, tali rifjut ma jistax jiġi kkunsidrat bħala miżura li tikkawża preġudizzju ingħustifikat għad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni.

(ara l-punti 93-95 u d-dispożittiv)